# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.4

**Kap 1: Jien u l-Oħrajn**

**Lezzjoni 1.4 – Bżonn jew Kapriċċ?**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

- Jidentifikaw u jitgħallmu l-bżonnijiet bażiċi marbuta mal-familja tagħhom jew mal-ambjent fejn jgħixu.
- Jagħrfu d-differenza bejn dawk li huma bżonnijiet u dawk li huma kapriċċi.




**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Il-Powerpoint: *Meta Alla ħolom ħolma*
- Karta ta' Taħriġ 1.4: Bżonn jew Kapriċċ? (mill-Ktieb)

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu .

1. Spjega li l-lezzjoni tal-lum tittratta dwar il-bżonnijiet tagħna biex ngħixu ferħanin flimkien.
2. Oħroġ mingħand it-tfal xi bżonnijiet neħtieġu biex inkunu nistgħu ngħixu b'dinjità.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l-*powerpoint presentation*: *Meta Alla Ħolom Ħolma*. Ħalli lit-tfal jaqsmu bejniethom l-aktar *slide* li laqtithom.
2. Agħmel distinzjoni bejn bżonn u kapriċċ. Kull persuna għandha dritt għall-bżonnijiet tagħha . Mingħajr dawn il-bżonnijiet ma nkunux nistgħu ngħixu. Kuntrarjament, il-kapriċċi nistgħu ngħaddu mingħajrhom.
3. Staqsi lit-tfal jagħtuk eżempji ta' bżonnijiet u kapriċċi.
4. Spjega li l-bżonn hu tajjeb u l-kapriċċ hu ħażin.
5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.4 u wara li tispjega s-silta mogħtija, erġa' rrevedi mat-tfal permezz ta' Attività 1 x'inhu bżonn u x'inhu kapriċċ. Għin lit-tfal jimmarkaw taħt il-kolonna t-tajba.
6. Agħti ċans lit-tfal jaħsbu dwar Attività 2 u ddiskuti magħhom dak li jkunu kitbu.
7. Agħlaq billi tiddiskuti Attività *Illum niddiskutu u nitgħallmu din* u oħroġ il-fatt tal-importanza li naqsmu li jkollna mal-oħrajn.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-bnedmin għandhom dritt għal numru ta' bżonnijiet biex id-dinjità tagħhom tkun tista' tiġi rispetata.
2. Dawn il-bżonnijiet faċli jinbidlu f'kapriċċi bħalma huwa faċli li meta wieħed jiffoka żżejjed fuq id-drittijiet tiegħu faċli jinsa d-dmirijiet li għandu jkollu fl-ambjent li jgħix fih.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal jifhmu li minkejja li numru ta' bżonnijiet jgħaddihomlna min jieħu ħsiebna, huma juru li huma lesti biex fejn jistgħu joffru l-għajnuna tagħhom fejn hemm nuqqas ta' bżonnijiet bażiċi bħal ngħidu aħna l-bżonn tal-imħabba u l-ħbiberija.
2. It-tfal juru li bħalma huma jixtiequ li jkunu maħbuba, tajjeb li fl-ambjenti tagħhom, huma wkoll jagħrfu jħobbu u jgħinu f'diffikultà. Fuq kollox jaqsmu li għandhom mal-oħrajn.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

**Il-Powerpoint-presentation**

***Meta Alla ħolom ħolma***



## Nitolbu

Mulej, nitolbuk għal dawn il-persuni li m'għandhomx ix-xorti jirċievu l-bżonnijiet tal-ħajja ta' kuljum, u għalhekk jgħixu ħajja ta' faqar u tbatija. Għinni biex fl-ambjent fejn ngħix nagħraf inħobb u ngħin speċjalment lil dawk li ma tantx għandhom min iħobbhom.

